# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar l-Erbgha 21 ta' April 2021

**Rik. Div. Nru : 97/2021 JPG**

**Kawza Nru : 8**

**CM**

**Vs**

**JC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' CM, datat 9 ta' Marzu 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti kienet izzewget lil JC nhar il-21 t'April 2012 (Dok A anness) u miz-zwieg taghhom ma kienx hemm ulied;*

2. *Illi l-partijiet isseparaw in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono nhar l-14 ta' Settembru 2015 (Dok B anness);*

3. *Illi skont il-kuntratt hawn imsemmi, il-partijiet kienu irrinunzjaw mid-dritt taghhom li jitolbu u jottjenu manteniment minghand xulxin;*

4. *Illi llum m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

5. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' JC datata 9 ta' April 2021, a fol 14 et seqq., li taqra hekk:

*Illi l-esponenti mhuwiex qed jopponi ghat-talba tar-rikorrenti sabiex jigi ppronuzjat il-hall taz-zwieg ta' bejn il-parijiet, ikkuntrattat fil 21 ta' April 2012, u jaqbel illi jikkonkorru il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ksib ta' divorzju ai termini ta' l-artikolu 66B tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi ciononostante l-esponenti ma ghandux ibati l-ispejjes in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, li ghandhom jigu sopportati esklussivament mir-rikorrenti martu.*

*Illi l-esponenti qieghed jipprezenta l-affidavit tieghu, li qieghed jigi hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok 'A'.*

Rat id-digriet taghha datat 16 ta' April 2021, vide fol 16;
Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;
Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;
Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CM** xehdet (vide affidavit fol 13) illi hija izzewget lill-intimat nhar il-21 ta' April 2012 u li minn

dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Jean Carl Debono nhar l-14 ta' Settembru 2015 (vide kuntratt a fol 4 et seqq. tal-process). Ziedet tghid illi ebda manteniment m'hu dovut versu xulxin stante li dawn kienu ghazlu li jirrinunzjaw ghall-istess. Finalment sostniet illi qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni u llum il-gurnata huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin.

**JC** xehed (vide affidavit fol 15) u kkollabora u kkonferma dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-21 ta' April 2012, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 618/2012 (Vide certifikat taz-zwieg a fol 3). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono, nhar l-14 ta' Settembru 2015 (vide Dok B, kuntratt tas-separazzjoni fol 4 et seqq.). Di piu', mill-atti u dikjarazzjonijiet tal-partijiet jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal ferm aktar miz-zmien rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 618/2012 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**